MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Numru 713/2006

Il-Pulizija
(Spettur Malcolm Spiteri)
vs

Josef Dimech

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 479380(m), akkuzat talli:

(a) fis-16 t’Ottubru 2004 ghal habta tas-01:30 a.m. gewwa Vjal Santa Lucia f’Rahal Gdid, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti kkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mandy Zammit minn San Gwann liema ferita ggib debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew gabet difetti permanenti f’parti ta’ l-

ghamla tal-gisem u/jew gabet sfregju gravi u permanenti f'xi parti tal-gisem – Artikolu 218(1) tal-Kap 9;
(b) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ghamel hsara jew gharraq vettura bin-numru CBA-985 ghad-detriment ta' Vince Dimech;
(c) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura bin-numru CBA-985 u kkaguna hsara fuq 'crash barrier' proprjeta' tal-Gvern ta' Malta;
(d) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru CBA-985 tat-tip Isuzu Gemini b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza;
(e) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru CBA-985 b'giri aktar milli jmissu;
Il-Qorti mitluba illi f'kaz ta' htija, minbarra l-piena stabbilita, tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' l-istess Josef Dimech ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq;

Il-Qorti mitluba wkoll li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma' dawn ir-reati, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Mela l-incident awtomobilistiku li ta' aditu ghal-dawn il-proceduri gara fil-hinijiet bikrin ta' filghodu tas-16 ta' Settembru 2002. L-imputat kien mumenti qabel mar jigbor lil allura gharusa tieghu, l-parti leza f'dawn il-proceduri, u fil-kors li kien qed jittransita Vjal Santa Lucija, Rahal il-Gdid, cioe' kien skorra is-semaforu u dirett lejn ir-'roundabout' ta' Santa Lucia, hu u jimmanuvra l-kurvatura li tinsab faccjata ic-cimiterju tal-Addolorata, tilef il-kontroll

b’konsegwena li rikeb il-bankina u laqghet il-‘crash barrier’ ossija dik tan-naha tax-xellug tal-karreggjata. Id-difiza iddikjarat l-qbil taghha li l-feriti sofferti mill-parti leza kienu gravi u fuq daqstant ezentat li jigu prodotti xhieda fir-rigward. Dawn il-feriti u allura l-entita’ taghhom huma konstatabbli minn certifikat mediku li jinsab esebit folio 12 u gew deskritti fix-xhieda tal-parti leza fid-deposizzjoni taghha quddiem il-Qorti. Iddeskrivithom li kagun tal-incident, apparti xi kontusjonijiet, sofriet griehi fis-sinsla ta’ darha u sofriet ksur fl-ghaksa. In kwantu ghaz-zmien ta’ fejqan hi affermat li l-ghaksa rrikjediet ghaxar xhur ta’ fejqan li fihom kellha bzonn l-uzu ta’ krozzi waqt li kellha taghmel tlett xhur b’cintorin in kwantu ghal darha. Dwar l-incident ‘per se’ l-parti leza tghid li fil-hin tal-incident it-triq ma kinitx traffikuza u lanqas l-imputat ma kien qieghed isuq b’velocita’ eccessiva; qalet li “ma kienx differenti mis-soltu”. Fl-ahhar tax-xhieda taghha affermat li konsegwenzi ghal sahhita minhabba l-incident ma ghadtx kellha. Xehed l-imputat li irrikonoxxa li l-vettura kienet tieghu, li kien qieghed isuq hu u mieghu kellhu l-parti leza li dak iz-zmien kienet l-gharusa tieghu u dan apparti li ikkonferma l-lok fejn sehh l-incident. Bhala velocita’ semma li kien qed isuq b’sittin kilometru fis-siegha u a propositu tal-incident qal (riprodott fi kliem testwali tieghu) li: “hin minnhom kif qed nimmanuvra l-liwja li hemm hassejt il-vettura tieghi tigbidni fuq il-bankina ..kont qieghed insuq fuq il-karregjata ta’ gewwa, igifieri mhux ta’ hdejn is-centre strip..hemmhekk hassejt il-vettura tieghi tigbidni lejn il-bankina..tfixxkilt u ma nafx x’gara..li naf hu illi tlajt fuq il-bankina ghaliex rajt is-sinjali tat tyres tieghi fuqha ghaliex lanqas f’dak il-hin ma innutajt dan il-fatt, dhalt gol pilastru tal-barrier ghax hassejt id-daqqa mieghu”.

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-incident in meritu infethet inkesta li tinsab esebita in-atti. Il-proces verbal u l-atti mieghu huma prova ammissibbli. Dwar l-incident wara li l-espert tekniku ezamina lis-‘sterring wheel’ tal-vettura u sab li ma kellu ebda difett gie konklus li kienu jirrizultaw kontra l-imputat: is-sewqan b’mod perikoluz u imprudenti; il-feriti gravi fuq il-persuna ta’ Mandy Zammit; id-danni fil-vettura misjuqa

mill-imputat ta’ numru ta’ registrazzjoni CBA-985 a skapitu ta’ Vincent Dimech; danni fil-‘crash barrier’ imsemmi.

Issa:

- fir-rigward l-entita’ tal-griehi sofferti mill-parti leza dawn jirrizultaw wisq car u mhux kontestati mill-imputat; jaqghu bla dubbju taht il-klassifikazzjoni ta’ ferit gravi senjatament dawk senjalati fl-Artikolu 216(2)(d) tal-Kap 9;
- ghal dak li ghandu x’jaqsam mas-sewqan, riferibbilment l-imputazzjoni li kien ‘bla kont, traskurat u perikoluz’ il-Qorti aktar tixxaqleb lejn is-sewqan traskurat milli lejn dak bla kont u/jew perikoluz;
- dwar il-vettura d-danni fuqha huma ‘res ipsa loquitur’ u jidhru fl-entita’ taghhom mir-ritratti mehuda u esebiti fil-kors tal-inkjesta. Jinghad pero’ li l-imputat xehed li l-vettura hi tieghu waqt li mill-inkjesta jirrizulta li kienet licenzjata u assikurata fuq missieru. Jekk dan hu hekk u din il-Qorti tghid li hekk hu allura m’hemmx azzjoni kriminali skond l-Artikolu 331 u 332 tal-Kap 9;
- fil-konfront tal-imputazzjoni li takkuzah ghad-danni kkagunati fil-‘crash barrier’ bi hsara tal-Gvern ta’ Malta, ghalkemm xi dannu hu riskontrabbli mir-ritratt mehud waqt l-inkjesta, l-ebda prova ma giet prodotta dwar l-entita’ taghhom u f’kull kaz mir-ritratt stess id-dannu u ta’ entita’ zghira.

Ghaldaqstant, taqta’ u tiddecidi kif ser jinghad:

1. issib l-imputat hati tal-ewwel akkuza izda taht l-Artikolu 216(2)(d) tal-Kap 9;
2. tiddikjara t-tieni imputazzjoni mhux azzjonabbli;
3. issibu hati tat-tielet li dwarha l-Qorti hi tal-fehma li ghandha tapplika l-piena tal-multa fil-minimu taghha;
4. isibu hati tar-raba imputazzjoni ristretta ghas-sewqan traskurat;
5. ma ssibux hati tal-hames;

Dwar piena, rat l-Artikolu 216(1), 216(2)(d), 325(d), it-tieni proviso tal-istess, l-Artikolu 17 u 31 tal-Kap 9, l-Artikolu 15(1)(3) tal-Kap 65 u tikkundannah multa komplessiva ta’ mitejn u hamsin Ewro fil-konfront tat-tielet u r-raba akkuza, fil-waqt li fil-konfront tal-ewwel tilliberah

b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum. Tordna wkoll l-iskwalifika tal-licenza tieghu tas-sewqan ghall-zmien tmien t’ijiem minn ghada u wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tikkundannah ihallas l-ispejjes inkorsi fin-nomina tal-esperti fl-inkjesta zmien mhux oltre xahar minn meta l-istess jigu notifikati lilu mir-Registratur ta’ dawn il-Qrati.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------